**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 193/16 AL

**AB**

**vs**

**L-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Evgeniya Mikhaylovna Stepanova (Passaport Russu numru: PRUS60N06507697) permezz ta' digriet datata 1 ta' Gunju 2016**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-16 ta' Frar, 2008 fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dan kif jirrizulta mill-vera kopja tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mis-sena eflejn u tmienja (2008) u fil-fatt ilhom ma jghixu flimkien minn din id-data;

4. Illi l-intimata hija wkoll assenti minn Malta mill-istess data. Presumibilment qed tghix fir-Russja;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

6. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;

7. Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda propjeta' in komuni;

8. Illi r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

9. Illi r-rikorrenti gie debitament awtorizzat jipprocedi bil-procedura odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat l-1 ta' Gunju, 2016;

Talab, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara illi m'hemm l-ebda assi x'jigu likwidati;

2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tal-4 ta' Novembru 2016, li permezz taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Settembru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi ipprova li ghadda mill-proceduri tal-medjazzjoni u illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2008 u ilhom ma jghixu flimkien minn dik id-data;

Illi l-intimata hija assenti minn Malta u ir-rikorrenti ma ghandu ebda indirizz fejn tghix u lanqas jaf fejn tinsab;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.